7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Assistant Director (People Management), Corporate Services Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (http://agrikoltura.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

24th March, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Kuntratt għal Servizz

Għalliema għall-Kors Intensiv tas-Sajf fil-Proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qed jilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għal Servizz' bħala Għalliema għall-Kors Intensiv tas-Sajf fil-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ li huwa parzjalment iffinanzjat mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

L-applikanti jkunu mistennija li jipprovdu sa tmenin (80) siegħa ta' servizz fix-xahar bejn it-3 ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu, 2023. Ir-rimunerazzjoni tkun dik ta' €11.65 (VAT eskluża) fis-siegħa.

Id-dmirijiet ta' Għalliem għall-Kors Intensiv tas-Sajf jinkludu li:

1. Jgħallem is-suġġett/i assenjat/i taħt il-gwida tal-Migrant Learners' Unit, prinċipalment l-Ingliż u/jew il-Malti bħala lingwa barranija. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li s-sessjonijiet u interazzjonijiet isiru permezz ta' mezzi online;

2. Jassisti fl-implimentazzjoni tal-programm/i u fir-reviżjoni tal-istess programm/i permezz ta' statistika, rekord tax-xogħol, u informazzjoni oħra mitluba skont ix-xogħol meħtieġ;

3. Jipparteċipa b'mod attiv f'taħriġ kontinwu u ppjanar organizzat mill-Migrant Learners' Unit fi ħdan id-Direttorat;

4. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors fl-iżvilupp tal-għanjiet tat-tagħlim tal-kors, tar-riżorsi u tal-għodda ta' assessjar;

5. Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u mal-Kordinatur tal-Kors sabiex jiġu żviluppati u implimentati mezzi effettivi li jimmotivaw u jgħinu lill-istudenti;

6. Jassisti lill-Migrant Learners' Unit fi programm ta' riċerka, implimentazzjoni u evalwazzjoni;

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Contract for Service

Summer Intensive Course Tutor under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +) Project

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Summer Intensive Course Tutor within the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS Project (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ which is part-financed by the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

Applicants will be required to provide up to eighty (80) hours of service per month between 3rd July and 31st August, 2023. Remuneration will be €11.65 (excluding VAT) per hour.

The duties of a Summer Intensive Course Tutor shall include:

1. Teaching of the subject/s assigned based on the guidance of the Migrant Learners' Unit, namely English and/or Maltese as a foreign language. Tutors may be required to deliver sessions and interactions via online methods;

2. Assisting in programme implementation and reviews by providing the necessary statistics, record of work and other information requested related to appointed tasks;

3. Actively participating in on-going training and planning opportunities organised by the Migrant Learners' Unit within the Directorate;

4. Contributing to the development of courses by working closely with the Education Officer and Course Coordinator in developing the learning outcomes of the course, resources and assessment tools as needed;

5. Working closely with the Education Officer and Course Coordinator to develop and implement effective approaches to motivate and support learners;

6. Assisting the Migrant Learners' Unit in programme research, implementation and review;

7. Josserva prattiki tax-xogħol stabbiliti filwaqt li jagħti sehmu fl-iżvilupp kontinwu ta' dawn il-prattiki;

8. Jieħu sehem attiv fil-proċess ta' assessjar kontinwu għall-istudenti li qegħdin jitgħallmu u jżomm rekord tax-xogħol professjonali li jkun qed isir;

9. Jaħdem mill-qrib ma' għalliema oħra tal-kors involuti fit-tagħlim ta' korsijiet simili sabiex jinstabu mezzi effettivi biex:

a) jidentifika u jilħaq il-bżonnijiet tal-istudenti,

b) jassigura standardizzazzjoni u kwalità tat-tagħlim;

10. Jara li l-apparat fl-iskola/ċentru jinżamm fi stat tajjeb (jekk applikabbli);

11. Dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEYR) u/jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

12. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif mitluba mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Kriterji ta' Eliġibilità

L-applikanti għandhom ikunu:

i) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew bil-lingwa Ingliża;

ii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF fis-suġġett/qasam li qed japplika għalih, jew kwalifika professjonali komparabbli.

iii) fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema validu maħruġ mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema taħt l-artiklu 24(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Applikanti eliġibbli jkunu mitluba joqogħdu għal intervista li ssir permezz tal-komunikazzjoni virtwali u jippreżentaw iċ-ċertifikati oriġinali meta rikjesti, flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP 47) jekk qegħdin fis-Servizz Pubbliku jew ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija jew ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti.

Ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP47) aġġornata, jew ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità kompetenti oħra sa mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni flimkien ma' ġabra ta' kwalifiki fil-format ta' Curriculum Vitae għandhom jiġu sottomessi permezz ta' (https://

7. Adhering to established working procedures while contributing to the on-going development of such;

8. Taking an active part in the continuous assessment of learners and recording outcomes of such professional intervention;

9. Working closely with other Course Educators involved in the delivery of similar courses in order to identify effective modalities for:

a) identifying and meeting the learner's needs,

b) ensuring standardisation and quality of learning;

10. Caring for equipment available in the school/centre (if applicable);

11. Performing any other duties assigned by the Permanent Secretary (MEYR) and/or his representative;

12. Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Criteria

Applicants should be:

i) able to communicate in the Maltese and/or English languages;

ii) in possession of a recognised qualification at MQF Level 4 in the subject/area applied for or a professional comparable qualification;

iii) in possession of a valid Teacher's Warrant issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24(2) of the Education Act.

Eligible applicants will be required to sit for an interview which will be conducted via virtual communication and are to present their original certificates upon request, together with their Service and Leave Record Form (GP 47) if already in the Public service or a valid Police conduct certificate or equivalent issued by a competent authority.

A covering letter, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) or a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and a summary of qualifications in the Curriculum Vitae Format are to be submitted via (https://edurecruitment.gov.mt) by not later

edurecruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, 12 ta' April, 2023.


Aktar informazzjoni dwar servizzi speċifiċi u kundizzjonijiet jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt), jew permezz tan-numri tat-telefown 2598 1584/2598 1586.

than noon (Central European Time) of Wednesday, 12th April, 2023.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (mlu.meyr@gov.mt), or by telephone numbers 2598 1584/2598 1586.

L-24 ta' Marzu, 2023

24th March, 2023



Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE; 25% Fondi mill-Benefiċjarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni



Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds; 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Kuntratt għal Servizz

Kordinatur għall-Kors Intensiv tas-Sajf fil-Proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qed jilqa' applikazzjonijiet minn persuni interessati li joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi ta' 'Kuntratt għal-Servizz' bħala Kordinatur għall-Kors Intensiv tas-Sajf fil-proġett Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (MT/2016/AMIF/4.010 – LLAPSI+ li huwa parzjalment iffinanzjat mill-Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

L-applikanti jkunu mistennija li jipprovdu sa tmenin (80) siegħa ta' servizz fix-xahar bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Awwissu, 2023. Ir-rimunerazzjoni tkun dik ta' €15.26 (VAT eskluża) fis-siegħa.

Id-dmirijiet ta' Kordinatur għall-Kors Intensiv tas-Sajf jinkludu li:

1. Jifformula u jipproċessa ċirkularijiet, memos, rapporti u reklamar b'konnessjoni mal-kors;

2. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-korsijiet billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u l-Għalliema tal-

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Contract for Service

Summer Intensive Course Coordinator under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS (LLAPSI +) Project

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth Research and Innovation notifies that applications are being received from interested persons willing to provide their services on a 'Contract for Service' basis as Summer Intensive Course Coordinator under the Language Learning and Parental Support for Integration PLUS Project (MT/2016/AMIF/4.01) – LLAPSI+ which is part-financed by the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF).

Applicants will be required to provide up to eighty (80) hours of service per month between 1st June and 31st August, 2023. Remuneration will be €15.26 (excluding VAT) per hour.

The duties of a Summer Intensive Course Coordinator shall include:

1. Drawing up and processing to publishing the necessary circulars, memos, reports and adverts in connection with the course;

2. Contributing to the development of courses by working closely with the Education Officer and Course Tutors in

Kors sabiex jiġu fformulati l-ħiliet tat-tagħlim tal-kors, riżorsi u għodda tal-assessjar meħtieġa;

3. Jaħdem mill-qrib mal-Uffiċjal Edukattiv u l-Għalliema biex jiġu żviluppati u implimentati metodi effettivi li jimmotivaw u jappoġġjaw lill-istudenti;

4. Jassisti lill-Migrant Learners' Unit f'riċerki, implimentazzjoni u assessjar tal-programm;

5. Jikkontribwixxi fir-reklutaġġ tal-għalliema u x-xiri ta' materjal meħtieġ għall-kors;

6. Jikkordina d-disponibbiltà ta' postijiet, spazji virtwali, għalliema u riżorsi għall-korsijiet;

7. Jikkordina t-taħriġ għall-għalliema;

8. Jippjana, jifformula u jippubblika informazzjoni għall-għalliema, studenti u ġenituri kif meħtieġ;

9. Jikkuntattja lill-għalliema u ġenituri/gwardjani tal-istudenti li jattendu l-korsijiet, kif meħtieġ;

10. Jikkordina mal-iskejjel u entitajiet oħra rigward l-andament tal-kors;

11. Jagħmel laqgħat fuq il-post u żjarat kif meħtieġ, qabel, waqt u wara l-korsijiet. Jista' jagħti l-każ li dawn l-appuntamenti jsiru permezz ta' komunikazzjoni remota jew virtwali;

12. Jikkonforma mal-proċeduri stabbiliti tax-xogħol, waqt li jikkontribwixxi għall-iżvilupp kontinwu tal-istess proċeduri;

13. Jaħdem mill-qrib mal-Edukaturi tal-Kors involuti f'korsijiet oħra simili sabiex jidentifika modalitajiet effettivi għal:

a) identifikazzjoni u għajnuna għall-bżonnijiet tal-istudenti,

b) assikurazzjoni ta' livell u kwalità tat-tagħlim;

14. Jiġbor, jerfa' u jipproċessa r-rekords;

15. Jikteb rapporti, jiġbor u jerfa' d-data neċessarja f'konnessjoni mal-kors kif rikjest mill-Awtorità tal-Iffinanzjar;

16. Jikkontribwixxi fl-ipproċessar tal-pagamenti tal-istaff;

17. Iwettaq dmirijiet oħrajn kif assenjati mis-Segretarju Permanenti (MEYR) u/jew ir-rapreżentant tiegħu;

developing the learning outcomes of the course, resources and assessment tools as needed;

3. Working closely with the Education Officer and Tutors to develop and implement effective approaches to motivate and support learners;

4. Assisting the Migrant Learners' Unit in programme research, implementation and review;

5. Contributing in the recruitment of tutors and procurement of items required for the course;

6. Coordinating availability of venues, virtual spaces, tutors and resources for such courses;

7. Coordinating training for tutors;

8. Planning, formulating and issuing of information for tutors, learners and parents as necessary;

9. Contacting tutors and parents/guardians of learners enrolled for the course as necessary;

10. Liaising with schools and other entities regarding the running of the course;

11. Holding on site meetings and visits as necessary before, during and after the courses. Such appointments may be required to be carried out via remote or virtual communication;

12. Adhering to established working procedures while contributing to the on-going development of such;

13. Working closely with other Course Educators involved in the delivery of similar courses in order to identify effective modalities for:

a) Identifying and meeting the learner's needs,

b) ensuring standardisation and quality of learning;

14. Gathering, keeping and processing of records;

15. Writing reports, gathering and keeping the necessary data in connection with the course as required by the Funding Authority.

16. Contributing in the processing of staff costs;

17. Performing any other duties assigned by the Permanent Secretary (MEYR) and/or his representative;

19. Iwettaq dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Kriterji ta' Eliġibilità

L-applikanti għandhom ikunu:

i) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew bil-lingwa Ingliża;

ii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) f'Edukazzjoni, Riżorsi Umani, Politika Soċjali, Managment jew/u Amministrazzjoni, jew kwalifika professjonali komparabbli.

fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema validu maħruġ mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema taħt l-artiklu 24(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Applikanti eliġibbli jkunu mitluba joqogħdu għal intervista li ssir permezz tal-komunikazzjoni virtwali u jippreżentaw iċ-ċertifikati oriġinali meta rikjesti, flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP 47) jekk qegħdin fis-Servizz Pubbliku jew ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija jew ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti.

Ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' Service and Leave Record Form (GP47) aġġornata, jew ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità kompetenti oħra sa mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni flimkien ma' ġabra ta' kwalifiki fil-format ta' Curriculum Vitae għandhom jiġu sottomessi permezz ta' (https://edurecruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, 12 ta' April, 2023.

Aktar informazzjoni dwar servizzi speċifiċi u kundizzjonijiet jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (mlu.meyr@gov.mt), jew bin-numri tat-telefown 2598 1584/2598 1586.

L-24 ta' Marzu, 2023

18. Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Criteria

Applicants should be:

i) able to communicate in the Maltese and/or English languages;

ii) in possession of a recognised qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Education, Human Resources, Social Policy, Management and/or Administration, or a professional comparable qualification;

in possession of a valid Teacher's Warrant issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24(2) of the Education Act.

Eligible applicants will be required to sit for an interview which will be conducted via virtual communication and are to present their original certificates upon request, together with their Service and Leave Record Form (GP 47) if already in the Public service or a valid Police conduct certificate or equivalent issued by a competent authority.

A covering letter, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) or a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and a summary of qualifications in the Curriculum Vitae Format are to be submitted via (https://edurecruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Wednesday, 12th April, 2023.

Enquiries about specific services required and conditions can be made by email to (mlu.meyr@gov.mt), or by telephone numbers 2598 1584/2598 1586.

24th March, 2023

Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE; 25% Fondi mill-Benefiċjarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni

Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds; 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

KUNSILL REĠJONALI LVANT

Uffiċjal Reġjonali tal-IT

Permess tal-Jobsplus: 218/2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant qed ifittex biex jimpjega Uffiċjal Reġjonali tal-IT.

Rekwiżi tal-Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

EASTERN REGIONAL COUNCIL

Regional IT Officer

Jobsplus Permit: 218/2023

The Eastern Regional Council is seeking to employ a Regional IT Officer.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

i. Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6, suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS jew ekwivalenti, f'wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili: Kompjuter u/jew ICT, jew kwalifika professjonali rikonoxxuta, relatata u komparabbli ma' suġġetti relatati mal-Kompjuter u/jew Sistemi ta' ICT;

ii. Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5, suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS jew ekwivalenti, f'wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili: Kompjuter u/jew ICT, jew kwalifika professjonali rikonoxxuta, relatata u komparabbli ma' suġġetti relatati mal-Kompjuter u/jew Sistemi ta' ICT; flimkien ma' ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol relatata ma' tmexxija maniġerjali fis-settur; jew

iii. Għaxar (10) snin esperjenza ta' xogħol relatat ma' tmexxija maniġerjali f'wieħed minn dawn l-oqsma: Kompjuter u/jew ICT.

Applikanti interessati għandhom jibagħtu s-CV tagħhom bil-posta jew permezz ta' ittra elettronika lil (regjun-lvant.dlg@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 10 ta' April, 2023.

L-24 ta' Marzu 2023

KUNSILL REĠJONALI LVANT

Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali:

Permess tal-Jobsplus: 219/2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant qed ifittex biex jimpjega Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali.

Rekwiżi tal-Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

i. Have a recognised qualification at Level 6, subject to a minimum of 180 ECTS or equivalent, in one of the following fields, or similar: Computer and/or ICT, or a recognised professional qualification related and comparable to subjects related to Computer and/or Systems of ICT;

ii. Have a recognised qualification at Level 5, subject to a minimum of 60 ECTS or equivalent, in one of the following fields, or similar: Computer and/or ICT, or a recognised professional qualification related and comparable to subjects related to the Computer and/or Systems of ICT; plus five (5) years work experience related to managerial leadership in the sector; or

iii. Ten (10) years work experience related to managerial leadership in one from these fields: Computer and/or ICT.

Interested applicants should send their CV by post, or by email to (region-lvant.dlg@gov.mt) by not later than at noon of Monday, 10th April, 2023.

24th March, 2023

EASTERN REGIONAL COUNCIL

Administrative Manager on European/Local Funds

Jobsplus Permit: 219/2023

The Eastern Regional Council is seeking to employ an Administrative Manager on European/Local Funds.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

i. Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6, suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS jew ekwivalenti, f'wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili: Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance, Accounting, Studji Ewropej jew Liġi; jew

ii. Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5, suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS jew ekwivalenti, f'wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili: Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance,

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

i. Have a recognised qualification at Level 6, subject to a minimum of 180 ECTS or equivalent, in any of the following fields, or similar: Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance, Accounting, European Studies or Law; or

ii. Have a recognised qualification at Level 5, subject to a minimum of 60 ECTS or equivalent, in any of the following fields, or similar: Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance, Accounting,

Accounting, Studji Ewropej jew Liġi; flimkien ma' ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol relatata ma' tmexxija maniġerjali fis-settur; jew

iii. Għaxar (10) snin esperjenza ta' xogħol relatat ma' tmexxija maniġerjali f'wieħed minn dawn l-oqsma: Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance, Accounting, Studji Ewropej jew Liġi.

Applikanti interessati għandhom jibagħtu s-CV tagħhom bil-posta jew permezz ta' ittra elettronika lil (regjun-lvant.dlg@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 10 ta' April, 2023.

L-24 ta' Marzu 2023

L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tfittex li timpjega persuni b'ħiliet adegwati u speċifiċi għall-post full-time ta':

Uffiċjal għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Grad 1 (Permess tal-Jobsplus: 418/2020)

Senior Manager (Finanzi) - (Permess tal-Jobsplus: 181/2023)

Senior Manager (Affarjiet Legali) - (Permess tal-Jobsplus: 193/2023)

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2020, f'nofsinhar (CET).

Aktar dettalji, inkluż id-dmirijiet, ir-responabbiltajiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħtiġiet ta' kwalifiki u kif tapplika, jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Awtorità (https://www.ohsa.mt/recruitment).

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol toffri opportunitajiet indaqs ta' impjieg.

L-24 ta' Marzu, 2023

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Sejħa ta' Interess – General Hand u Messaġġier/a (Part-time)

Ref: EOI/FES/001/2023

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) qiegħda tippubblika din is-sejħa bl-iskop li tidentifika persuni eliġibbli biex jissottomettu applikazzjoni għall-għoti ta' servizz ta' Messaġġier/a u General Hand (part-time). Il-

European Studies or Law; plus five (5) years work experience related to managerial leadership in the sector; or

iii. Ten (10) years of work experience related to managerial leadership in any of these fields: Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance, Accounting, European Studies or Law.

Interested applicants should send their CV by post or email to (regjun-lvant.dlg@gov.mt) by not later than at noon of Monday, 10th April, 2023.

24th March, 2023

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY

The Occupational Health and Safety Authority seeks to recruit a high-calibre individual for the full-time post of:

Occupational Health and Safety Officer 1 (Jobsplus permit: 418/2020)

Senior Manager (Finance) - (Jobsplus permit: 181/2023)

Senior Manager (Legal Affairs) - (Jobsplus permit: 193/2023)

The closing date for the receipt of applications is noon of Tuesday, 28th March, 2023 at noon (CET).

Further details, including duties and responsibilities, terms of engagement, qualification requirements and mode of application may be downloaded from the Authority's website (https://www.ohsa.mt/recruitment).

The Occupational Health and Safety Authority is an equal opportunities employer.

24th March, 2023

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Expression of Interest – General Hand and Messenger (Part-time)

Ref: EOI/FES/001/2023

The Foundation for Educational Services (FES) is hereby publishing this call with the purpose of identifying eligible applicants to submit an expression of interest for General Hand and Messenger Services (part-time). The selected

persuna magħżula tkun meħtieġa tipprovdi servizz fl-uffiċċju prinċipali tal-entità u fiċ-Childcare Centres, Klabb 3-16 u Skolasajf.

Aktar informazzjoni dwar din is-Sejħa ta' Interess tista' tinkiseb minn (https://fes.gov.mt/procurement/).

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (procurement.fes@gov.mt) bin-numru ta' referenza li jidher hawn fuq u għandhom jinkludu dawn id-dokumenti:

CV dettaljat;

ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija datat mhux aktar minn sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni;

kopji oriġinali taċ-ċertifikati;

dokumenti oħra relatati u l-kriterji ta' eleġibbiltà kollha kif jidhru fi Klawsola 4 tad-dokument tas-sejħa ppubblikat fis-sit elettroniku tal-FES.

Din is-sejħa tagħlaq it-Tnejn, 10 ta' April, 2023.

L-24 ta' Marzu, 2023

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf illi skont ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, li notifikazzjoni ta' konċentrazzjoni bejn Dawn Meats Ireland Unlimited Company (Waterford, l-Irlanda) u Kildare Chilling Company Unlimited Company (Kildare, l-Irlanda) ġiet ippreżentata nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu, 2023.

In-natura tal-konċentrazzjoni hija l-akkwist minn Dawn Meats Ireland Unlimited Company ta' Kildare Chilling Company Unlimited Company.

Dawn Meats Ireland Unlimited Company tifforma parti mill-grupp ta' kumpaniji ta' Dawn Meats, li hija ta' QDB Holdings IOM Unlimited. Dawn Meats hija involuta f'firxa ta' attivitajiet fis-setturi tal-akkwist u l-ipproċessar taċ-ċanga u l-ħaruf, fosthom il-qtil tal-annimali, l-ipproċessar primarju (it-tneħħija tal-għadam), l-ipproċessar ta' prodotti oħra tal-laħam, il-kummerċ fi prodotti bażiċi mhux ipproċessati u l-ipproċessar tal-iskart tal-annimali f'materjal użabbli. Dawn Meats tipproduċi wkoll laħam frisk, kif ukoll prodotti pproċessati bħal kapuljat, pulpetti tal-laħam, ikel lest u ppakkjat. Dawn Meats, bħalissa, tbigħ il-prodotti tagħha

applicant shall be required to provide support to the entity's Head Office, Childcare Centres, Klabb 3-16 Centres and Skolasajf Centres.

Further information about this Expression of Interest can be obtained from (https://fes.gov.mt/procurement/).

Applications are to be sent via email to (procurement.fes@gov.mt) quoting the reference number stipulated above and including the following documentation:

a detailed CV;

a certificate of conduct issued by the Police dated not earlier than six (6) months from date of application;

copies of the original certificates;

all other supporting documents and all eligibility requirements listed in clause 4 of the Expression of Interest document published on the FES website.

Deadline for submissions is Monday, 10th April, 2023.

24th March, 2023

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between Dawn Meats Ireland Unlimited Company (Waterford, Republic of Ireland) and Kildare Chilling Company Unlimited Company (Kildare, Republic of Ireland) was filed on Thursday, 16th March, 2023.

The nature of the concentration is the acquisition by Dawn Meats Ireland Unlimited Company of Kildare Chilling Company Unlimited Company.

Dawn Meats Ireland Unlimited Company is part of the Dawn Meats group of companies, ultimately owned by QDB Holdings IOM Unlimited. Dawn Meats is involved in a range of activities in the beef and lamb procurement and processing sectors, including animal slaughtering, primary processing (deboning), further processing of meat products, trading in non-processed commodity products and rendering of waste products. Dawn Meats also produces fresh meats, as well as processed products such as mince, burgers, ready meals and retail packs. Dawn Meats currently markets its products under a variety of brands including Black Angus,

taħt varjetà ta' marki, fosthom Black Angus, Red Hereford, Charolais Gold, Nature's Meadow, West Cork Beef, Dawn Chef u The Premium Butcher.

Kildare Chilling Company Unlimited Company toqtol il-baqar u l-ħaruf, u tipproċessa ċ-ċanga u l-ħaruf. Hija tbigħ il-prodotti tagħha taħt il-marki Kildara u Heritage Town. F'Malta, Kildare tissupplixxi qatgħat taċ-ċanga bl-għadam, kif ukoll mingħajr għadam, u tal-ħaruf frisk u ffriżat taħt l-isem Kildare Chilling Company.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati sabiex jissottomettu l-oġġezzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar din il-konċentrazzjoni notifikata fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010
Malta

jew (competition@mccaa.org.mt)

L-24 ta' Marzu, 2023

Red Hereford, Charolais Gold, Nature's Meadow, West Cork Beef, Dawn Chef and The Premium Butcher.

Kildare Chilling Company Unlimited Company slaughters cattle and lamb, and processes beef and lamb. It markets its products under the Kildara and Heritage Town brands. In Malta, Kildare supplies bone in/less beef and lamb cuts fresh and frozen under the name Kildare Chilling Company.

The Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their written objections on this notified concentration within seven days following publication of this notice at the following address:

Malta Competition and Consumer Affairs Authority

Office for Competition
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda ĦMR 9010
Malta

or (competition@mccaa.org.mt)

24th March, 2023

MALTA STRATEGIC PARTNERSHIP PROJECTS LTD

Lista ta' direct orders mogħtija minn Malta Strategic Partnership Projects Ltd matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2022 sal-31 ta' Diċembru, 2022, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (L.N. 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar, 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti

L-24 ta' Marzu, 2023

MALTA STRATEGIC PARTNERSHIP PROJECTS LTD

List of direct orders awarded by Malta Strategic Partnership Projects Ltd during the period between 1st July, 2022 and 31st December, 2022, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

24th March, 2023

Kuntratti tad-Direct Order/*Direct Order Contracts*

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	POR-000457	Provision of legal services	19/7/2022	Ganado Advocates	€9,750
2	POR-000465	Provision of economic consultancy support	22/7/2022	E-Cubed	€7,250
3	POR-000542	Provision of consultancy services	15/10/2022	Shawn Lowell	€8,135
4	POR-000548	Provision of architectural services	8/11/2022	Demicoli & Associates	€9,950

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Uffiċju tal-Kummissarju għal-Liġijiet

Lista ta' kuntratti mogħtija li jaqbżu l-ammont ta' €5,000 VAT eskluża mill-Uffiċju tal-Kummissarju għal-Liġijiet għall-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2022 sal-31 ta' Diċembru, 2022, skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku 2016.

L-24 ta' Marzu, 2023

Numru ta' Referenza	Isem tal-Kuntratt (kif ippubblikat)	Isem tal-Kuntrattur	Tip ta' Kuntratt (Direct Order/ Kwotazzjoni/Offerta)	Data tal-Għotja	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża
Reference Number	*Contract Name (as published)*	*Contractor's Name*	*Contract Type (Direct Order/ Quotation/Tender)*	*Award Date*	*Contract Value excl. VAT*
MJEG/ DCS/13/2021	Legal Services to the Law Commissioner	Dr Noel Bezzina	Direct Order	31/5/2022	€15,250.60
MFJ/ DCS/99/2022	Legal Services to the Law Commissioner	Dr Axl Camilleri	Direct Order	31/8/2022	€18,200.00

MINISTRY FOR JUSTICE

Office of the Law Commissioner

List of contracts awarded which exceed the amount of €5,000 excluding VAT by the Office of the Law Commissioner between 1st July, 2022 and 31st December, 2022, in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations 2016.

24th March, 2023

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Direttorat għas-Servizzi Korporattivi

Lista ta' kuntratti mogħtija li jaqbżu l-ammont ta' €5,000 VAT eskluża mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2022 sal-31 ta' Diċembru, 2022, skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku 2016.

L-24 ta' Marzu, 2023

Numru ta' Referenza	Isem tal-Kuntratt (kif ippubblikat)	Isem tal-Kuntrattur	Tip ta' Kuntratt (Direct Order/ Kwotazzjoni/ Offerta)	Data tal-Għotja	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża
Reference Number	*Contract Name (as published)*	*Contractor's Name*	*Contract Type (Direct Order/ Quotation/Tender)*	*Award Date*	*Contract Value excl. VAT*
SPD5/2022/047	Services – Provision of Messenger Services With Driving Duties at the Corporate Services Directorate within the Ministry for Justice	GoldGuard Security Services	Tender	14/12/2022	€56,325.00

MINISTRY FOR JUSTICE

Corporate Services Directorate

List of contracts awarded which exceed the amount of €5,000 excluding VAT by the Corporate Services Directorate between 1st July, 2022 and 31st December, 2022, in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations 2016.

24th March, 2023

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem tal-Kuntratt (kif ippubblikat) *Contract Name (as published)*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Tip ta' Kuntratt (Direct Order/ Kwotazzjoni/ Offerta) *Contract Type (Direct Order/ Quotation/Tender)*	Data tal-Għotja *Award Date*	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża *Contract Value excl. VAT*
SPD5/2022/035	Services Provision of Cleaning Services for the Corporate Services Directorate within the Ministry for Justice	AGV Non Ferrous Malta Ltd	Tender	11/10/2022	€55,101.36
SPD5/2022/053	Supplies – Supply, Delivery and Installation of Video Conference Sets to the Ministry for Justice	Astral Enterprises Ltd	Tender	16/11/2022	€58,426.58
SPD5/2022/043	Supplies – Supply and Installation of 17 Automatic External Defibrillators including Protective Cabinets and Training	Pharma-Cos Limited	Tender	23/11/2022	€43,272.00
MFJ/ DCS/76/2022	Logistics and Animation Services with the Ministry for Justice	MAD Design Promotions Ltd	Direct Order	30/6/2022	€10,000.00
MFJ/ DCS/122/2022	Legal Services to the MFJ regarding the Family Law Reform for a period of one year	Dr Sharon Mizzi	Direct Order	31/8/2022	€18,200.00
